MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Numru. 1422/2007

Il- Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)
(Spettur Carmelo Abdilla)

-vs-

Steven Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmi Steven Camilleri ta’ 24 sena iben Emanuel u Grace nee` Buhagiar, imwieled il- Pieta` fis- 27 ta’ Novembru 1983, u residenti f’ 36, ‘Southern Star’, Triq il- Hmistax ta’ Awissu, Mosta, detentur tal- karta ta’ l- Identita` bin- numru 593383M.

Talli:

1. Fis- 17 ta' Novembru, 2007 ghall- habta tal- 4.00a.m. f' Paceville, San Giljan ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna tal- kuntistabbli mara Gabria Gatt (ID No. 0219287M) liema persuna hija wahda inkarigata skond il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet taghmel dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizzz dan skond l- Artikolu 95(1) tal- Kap9 tal- Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza, jew hebb, ta' xorta li ma` titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra l- istess kuntistabbli mara Gabria Gatt, persuna inkarigata skond il- ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kienet tagixxi ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ordni moghtija skond il- ligi mill- awtorita` kompetenti, dan bi ksur tal- Artikolu 96 tal- Kap9 tal- Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' hadidehor f' periklu car, ikkaguna feriti gravi fuq il- persuna tal- kuntistabbli mara Gabria Gatt kif iccertifikat mit- tabiba Dr. Stephanie Kotes, M.D. ta' l- isptar San Luqa u dan bi ksur tal- Artikoli 261(1)(a)(ii) u 222(1)(c) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi hekk trattata.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 95, 96, 216(1)(a)(ii) u 222(1)(c) tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi f’l-ewwel udjenza mizmuma minn din il-Qorti kif presedjuta, u cioe dik ta’ llum 21 ta’ Jannar 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni bikrija, kif ukoll l-fedina penali li ghalkemm m’hiex netta mhiex wahda allarmanti zzejjed.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll n-natura tar-reati adebietati lill-imputat li jinkludu offieza fuq il-persuna ta’ kuntistabbli waqt il-qaghdi tad-dmirijiet taghha.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 95, 96, 216(1)(a)(ii) u 222(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ghall-perjodu ta’ sitt (6) xhur liema perjodu, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta’ sena (1).

In oltre b’applikazzjoni ta’ artikolu 28H tal-Kap 9 il-Qorti qed tordna lill-hati biex jhallas lill-parti offieza u cioe WPC 264 Gabria Gatt s-somma ta’ mija u erbghin Euro (Euro 140) fi zmien xahar.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28H jekk ma jikkonformax ruhu ma’ l-ordni ta’ hlas ta’ kumpens.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------